# 24 SIEGĦA GĦALL-MULEJ







Għal-ħames darba ser tiġi organizzata l-inizjattiva ta' **24 siegħa għall-Mulej**, li tistidinna niċċelebraw is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni f'kuntest ta' Adorazzjoni Ewkaristika.

Din se tinżamm **il-Ħamis 18 u l-Ġimgħa 19 ta' Marzu 2021** imnebbħa mill-kelmiet tas-Salm 130:4 *"Għandek hemm il-maħfra"*. Din l-attività se tkun okkażjoni tajba bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Katidral Metropolitan ta' San Pawl ġewwa l-Imdina se jibqa' miftuħ **mill-Ħamis mis-6.30pm sal-Ġimgħa fid-9.00am**, biex joffri l-possibilità tat-talb, ta' Adorazzjoni, u tal-Qrar Sagramentali. Matul dan il-ħin ser ikun hemm diversi saċerdoti għas-Sagrament tal-qrar.